MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru 12/2013

**"Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)**

**v.**

**Stephen Michael Cassar"**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat in-nota ta' l-uffiċjal tal-*probation* Miriam Sevasta tat-13 ta' Mejju 2013 li biha għamlet denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li minħabba xi inċidenti li l-*probationer* kellu ma' membri tal-familja tiegħu, inħasset il-ħtieġa li ssir tali denunzja peress illi l-*probationer* seta' jkun ta' riksju fil-konfront ta' dawk ta' madwaru.

**2.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Novembru

2011 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Stephen Michael Cassar ħati ta’ l-ewwel, it-tielet, ir-raba’ u d-disa’ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-artikoli 338(cc)(dd) u 339(1)(d)e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabitu ħati ta’ l-imputazzjonijiet l-oħra, u cioe` talli:

(2) nhar l-14 ta’ Jannar, 2011, għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta’ wara nofsinhar f’dawn il-Gżejjer u cioe’ ġewwa Triq Isourd Sliema ħebb kontra l-persuna ta’ missieru Mark Cassar sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

(5) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji u/jew theddid fil-konfront ta’ Mark Cassar;
(6) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’għajjat u storbju, kif ukoll billi qal kliem indiċenti u oxxen;

(7) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez b’periklu li jaħbat ma’ xi ħadd u jweġġgħu;

(8) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għalkemm kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, qiegħdet lill-imsemmi Stephen Michael Cassar taħt ordni ta’ *probation* għal perijodu ta’ tmintax-il xahar taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta’ *probation* il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb u jgħaddi ħajja ta’ bżulija.

2. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

3. Li għandu jżomm ruħu f’kuntatt ma’ l-uffiċjal tal-*probation* skond id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa

għandu, jekk u kif l-uffiċjal tal-*probation* ikun irid, jirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation*.

4. Li għandu jmur dawk l-appuntamenti kollha ma' tobba, konsulenti, psikologi, psikoterapisti u/jew *social workers* hekk kif jindikalu l-uffiċjal tal-*probation* u għandu joqgħod għad-direttivi kollha u/jew kura li jagħtuh l-istess tobba, konsulenti, psikologi, psikoterapisti u/jew *social workers* inkluż li jirrikovera ruħu f'xi sptar u/jew isegwi xi programm ma' xi aġenzija jew istituzzjoni.

5. Li l-uffiċjal tal-*probation* għandu jagħnmel rapport dwar l-andament tal-ħati kull sitt xhur.

**4.** Rat illi wara rikors li sar mill-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-21 ta' Marzu 2013, b'digriet mogħti minn dik il-Qorti fid-29 ta' April 2013, bi qbil tal-*probationer* il-perijodu ta' *probation* ġie estiż għal perijodu ta' tliet snin;

**5.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-Ispettur Jesmond Micallef, mill-uffiċjal tal-*probation* Miriam Sevasta, mill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, u mill-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud; rat l-atti l-oħra kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**6.** Mill-provi jirriżulta illi d-denunzja saret minħabba inċidenti li nqalgħu ma' membri tal-familja tal-*probationer*. Dan ċertament imur kontra waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-ordni tal-*probation*, u cioe` li tul il-perijodu ta' *probation* għandu jġib ruħu tajjeb. Fil-mori tad-denunzja jidher illi sar progress fir-relazzjonijiet tiegħu mal-familja. Inoltre l-*probationer* baqa' jieħu l-kura meħtieġa u jinsab lura għax-xogħol. L-iskop primarju tad-denunzja jidher li ntlaħaq. Ciononostante l-uffiċjal tal-*probation* Maria Mifsud esprimiet il-preokkupazzjoni tagħha li l-*probationer* "ikun sejjer tajjeb, jikkomunika, imma jiġri xi ħaġa u f'dak il-mument jitlef kollox". F'dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex il-każ illi din il-Qorti tittratta mal-*probationer* mill-ġdid iżda li tħalli *in vigore* l-ordni ta' *probation* oriġinali.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mid-denunzja billi, filwaqt illi tordna t-tkomplija fis-seħħ ta' l-ordni ta' *probation*, twissi severament lill-*probationer* illi jekk ma jħarisx il-kondizzjonijiet kollha fl-ordni ta' *probation*, ikollu eventwalment ibati r-riguri tal-liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------